KUNSILL LOKALI NADUR

# Minuti tat-tmien (8) laqgħa tat-tmien (8) Kunsill Lokali tan-Nadur
# It-Tlieta, 13 ta' Ottubru, 2015 fis-6.00 pm

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Dr. Rita Mifsud | Kunsilliera |
| Brittany Attard | Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ |
| *Joseph Azzopardi* | *Agent Segretarju Eżekuttiv* |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Michael Camilleri | Kunsillier |
| Dr. Josianne Cutajar | Kunsilliera |

1. **Talba.**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

Is-Sindku ta' merħba lil Brittany Attard bħala l-ambaxxatriċi gdida taż-żgħażagħ. Hu talabha li filwaqt li għandha tkun hi li tagħmel l-aqwa minn dan l-irwol fdat lilha, hi mistenniha li tagħti s-sehem tagħha fil-ħidma tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera preżenti taw ukoll merħba lil Brittany Attard.

2. **Minuti.**

Il-minuti tas-seba' (7) laqgħa, tal-Erbgħa 9 ta' Settmebru 2015, tat-tmien Kunsill Lokali ġew ikkoreġuti, approvati, ffirmati u dikjarati bħala dokument uffiċjali.

Bħala punti mill-minuti, is-Sindku Edward Said innota:

a. Għall-fitness courses ippruvajna naslu ma' Angie Bonello pero żdiedu ħafna l-kundizzjonijiet. Il Pilates ser norganizzawh ma' Zuzana Zvobodova, residenta kwalifikata barranija u għandna nkopru l-ispejjeż involuti bil-ħlas li qed jintalab.

b. Ir-rivista Hidmietna f'Isimkom qegħda għall-ipprintjar u dalwaqt titqassam.

c. Il-ħarġa tal-anzjani li jmiss ser issir nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru f'Malta. Is-Sindku spjega l-programm tal-ħarġa. Il-Viċi Sindku ser jakkumpanja lis-Sindku.

d. Is-Sindku nnota li t-tour tan-nursery f'Cicciano mar tajjeb ħafna. Ġejna milqugħa tajjeb u huma ħadu gost bil-momentoes li tajnihom. Is-Sindku ser jgħaddi xi ritratti lil Viċi Sindku.

e. Dwar area fi Triq il-Madonna ta' Fatima s-Sindku nnota li mir-riċerka din hi proprjeta privata u għalhekk ma jista jsir l-ebda xogħol fiha.

f. Is-Sindku nnota li dwar servizzi għall-green wardens ħdejn l-iskips ta' Xurdin, dawn issa huma responsabbilta tal-LESA, u ser niċċekkjaw dwarhom mar-Reġjun.

g. Is-Sindku nnota li l-Museum tan-Nisa m'aċċettawx li nikkollaboraw permezz ta' lapida f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-istess Museum.

h. Dwar il-lista tan-niċeċ, is-Sindku nnota li Ġużi Muscat qed jaħdem fuqha.

i. Is-Sindku nnota li, kif diġa nfurmati, m'applikajniex għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Milied u ħa norganizzaw biss monti tal-Milied fit-8 ta' Diċembru.

### 3. Korrispondenza.

| | |
|---|---|
| 5367 | Ittra mill-Ministeru għal-Għawdex dwar kors tal-Universita tat-tielet eta' 2014 – 2015. Is-Sindku nnota li ser jiġu nominati persuni mid-Day Centre. |
| 5368 | E-mail mingħand il-Perit Emmanuel Vella rigward rikjesta mingħand sid tal-Fat Rabbit Restaurant fil-Pjazzetta għal *no objection* – din diġa ħarġet. |
| 5369 | Ittra mingħand il-MEPA dwar il-ħajt fi Triq David Cocco Palmieri - diġa qbilna fuq din il-materja. |
| 5370 | *E-mail* mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti dwar L-*MOC Sports Awards*. Il-Kunsill qabel li napplikaw għas-sena d-dieħla fuq il-Maratona ta' din is-sena. |
| 5371 | Ittra mill-Uffiċċju Parrokkjali bħala ringrazzjament għax-xogħol li sar fuq id-dawl tal-knisja; – is-Sindku nnota li kellna kummenti mill-isbaħ fuq din l-inizjattiva |
| 5373 | Programm mingħand iċ-Circolo Gozitano tas-Seminar dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015 fl-10.00 a.m. |
| 5374 | Dokumenti u ċertifikati ta' Zuzana Svobodova li ser tieħu ħsieb il-lezzjonijiet tal-Pilates li ser jibda nhar il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru 2015. |
| 5375 | Ittra mill-Uffiċċju Parrokkjali fejn qed issir talba biex il-Kunsill jgħin biex jissewwew il-*reflectors* tal-knisja; dawn diġa saru. |
| 5376 | E-mail mingħand is-Sindku dwar il-programm taċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Kunsill. |
| 5377 | Cirkulari mill-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar laqgħa għall-kunsilliera kollha ta' Malta u Għawdex nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru 2015. |
| 5378 | Ittra mingħand l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju dwar it-tielet edizzjoni tal-Presepju Ħaj; din l-għaqda talbitna jkun hemm iktar tizjin fit-triq fejn qiegħed dan il-presepju. |
| 5379 | Avviż mingħand Europa Donna Malta dwar *lecture* li ser isir fil-Ministeru għal Għawdex dwar fuq il-breast cancer fit-30 ta' Ottubru 2015. |
| 5380 | *E-mail* mingħand Gabriella Cassola dwar iċ-*Charging Pillar* għall-karozzi elettriċi fil-pjazza tan-Nadur – is-Sindku nnota li ser jinstab post alternattiv. |
| 5381 | E-mail mingħand Chris Said, *shadow minister* għal Għawdex fejn jitlob li jiltaqa' |

| | |
|---|---|
| | mas-Sindku u l-Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li naghmlu appuntament wara l-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill. |
| 5382 | Programm tal-URBACT Info Day fid-19 ta' Ottubru 2015. |
| 5382 (a) | Il-Fondazzjoni V18 talbuna ninnominaw persuna biex jingħata rikonoxximent. Il-Kunsill qabel unanimament li ninnominaw lill-ewwel president tal-Banda Mnarja, Joseph Curmi. |
| 5382 (b) | *E-mail* minghand il-Perit Robert Grech dwar *t-junction* bejn Triq Sopu u Triq San Blas. Kien hemm proposta biex din l-*upper junction* tigi one-way. Il-Kunsill ipproponu li nohorġu no objection għal din il-proposta u imbagħad jiddeċiedu Transport Malta |

## 4. Approvazzjoni ta' Pagamenti.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti li ġiet ippreżentata qabel il-laqgħa. Is-Sindku Edward Said semma xi pagamenti oħrajn li ser jiżdiedu mal-iskeda u l-Kunsill approva l-iskeda kollha kemm hi. Hu kompla li qed naghlqu l-kontijiet kollha tal-leġislatura l-oħra bil-kont tal-bankini ta' Joseph Rapa. Il-Viċi Sindku nnota li, wara li fil-leġislatura l-oħra ma kellna l-ebda bankini pendenti, issa tajjeb li jkollna lista ta' dawk pendenti.

Is-Sindku nnota li għanda tliet stimi ta' moħriet għall-Kunsill li għandna bzonn nixtruh minħabba li qed niehdu hsieb xi gonna aħna direttament. Il-Kunsill għazel l-irħas kwotazzjoni ta' 465 Ewro.

Dwar barriers, baqgħalna erba u qed inkunu limitati. Il-Kunsill qabel li nixtru tnejn oħra u flimkien ma' erba *cones*. Il-Viċi Sindku semma li importanti li dawn ikunu mmarkati bl-isem tal-Kunsill halli jkunu identifikati.

Il-Viċi Sindku innota li hemm bzonn manutensjoni tax-xibka tal-ground bi spiża ta madwar il-200 Ewro. Il-Kunsill qabel li niehdu ħsieb din il-manutensjoni.

## 5. Aġġudikazzjoni tal-offerti pubbliċi tal-provista tal-ilma f'ġonna pubbliċi u *soft areas* u tal-manutensjoni tal-latrina publika fi Triq it-Tramuntana.

Inqraw is-sottomissjonijiet tal-offerta pubblika relatata mal-manutensjoni tal-latrina pubblika fi Triq it-Tramuntana:

Chris Paul Cardona - 115-il Ewro fix-xahar
Saviour Mellak - 184-il Ewro fix-xahar
Lawrence Borg - 160-il Ewro fix-xahar.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta pubblika tingħata lil Chris Paul Cardona bi prezz ta' 115-il Ewro fix-xahar b'effett mill-1 ta' Jannar 2016.

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Inqraw is-sottomissjonijiet tal-offerta pubblika għall-provista tal-ilma f'gonna pubblici:

Lawrence Borg - 140 Ewro fil-gimgħa u 0.70c kull gallun (u skont annwali ta' 200 Ewro);
Richard Attard - 195 Ewro fil-gimgħa u 1c3 kull gallun u;
Sammy Attard - 180 Ewro fil-gimgħa u 1c2 kull gallun.

Is-Sindku qara korrispondenza mill-laboratorju li għamel it-test li ssottometta Lawrence Borg fejn dawn sostnew li l-Kunsill m'accettax dan it-test. Is-Sindku wegibhom li assolutament mhux veru li aħna oggezzjonajna għal dan it-test iżda kull ma għamilna sa dak il-ħin kien li ftaħna l-offerti pubblici. Hu talabhom sabiex jirrispettaw il-process miftuħ tal-offerti pubblici u huma wiegbu li huma bagħtu din il-korrispondenza fuq talba tas-Sur Lawrence Borg.

Is-Sindku kompla li hu kkorrisponda u tkellem ma' rappreżentant mad-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar il-validita tat-testijiet tal-ilma. Hu qara t-testijiet tal-ilma tal-applikanti kollha. Wara diskussjoni, gie deciż li niktbu lill-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fejn nitolbu estensjoni ta' xahrejn b'effett mill-15 ta' Ottubru 2015 u nitolbu parir legali dwar l-aggudikazzjoni ta' din l-offerta pubblika. Ser nagħmlu appuntament ma' Dr. Carmelo Galea.

**6. Programm ta' Jum il-Lokalita u Halloween.**

Is-Sindku nnota li fl-14 ta' Novembru ser ninawguraw il-progett tal-pjazza. Dakinhar ser ikollna show tan-nar minn fuq il-bjut. Ser ikollna l-Gozo Youth Wind għall-inawgurazzjoni (prezz tas-servizzi kollha – 2,000 Ewro) u Chiara u Ludwig qed jitolbu 400 Ewro għas-servizzi tagħhom. Is-Sindku nnota li l-*compere* ser ikun Keith Demicoli (175 Ewro) u ser nagħtu xi direct orders għad-dawl u sound. Is-Sindku nnota li għall-wirja tan-nar ta' 3 minuti irċevejna tlett kwotazzjonijiet: Darren Scicluna – 3,894 Ewro; Nexos – 3,953 Ewro u Pyronyx – 3,540 Ewro. Il-Kunsill għażel l-orħos waħda ta' Pyronyx Ltd. Il-Viċi Sindku nnota li din l-okkazjoni għandha tkun festa għall-poplu tan-nadur. Delicata offrielna 50 fil-mija skont fuq l-inbid li ser nużaw dakinhar. Il-Kunsill qabel ukoll li r-riceviment isir fil-pjazza stess. Jekk ikun il-maltemp isir kollox fil-kazin tal-Banda imnarja.

Is-Sindku kompla li bħala programm ser ikollna *night hike* fil-pjazza l-Gimgħa 13 ta' Novembru 2015 u wara ikla għand Rabokk Restaurant u għoti tad-demm fit-8 ta' Novembru 2015. Ser ikollna wirja tax-xogħolijiet ta' arti ta' student ta' Inspire Foundation li ser tigi inawgurata fid-9 ta' Novembru 2015. Ser norganizzaw ħarga tal-anzjani fit-12 ta' Novembru 2015, tournament għat-tfal fil-11 ta' Novembru u maratona tal-giri u mixi nhar il-Ħadd 15 ta' Novembru 2015. It-tazzi u l-midalji ser jinxtraw mingħand Horace Enterprises. Dakinhar ikollna quddiesa fid-9.15 a.m li tkun b'suffragju ta' Joe Fabone u Frans Sammut.

Is-Sindku nnota li l-fjuri għas-serata tas-7 ta' Novembru 2015 ta' Ġieħ il-Kunsill ser jieħu ħsiebhom Josef Camilleri u l-*catering* ser isir għall-istess attivita ser isir minn Raymond Vella li ser jieħu ħsieb ukoll dawk tad-9 ta' Novembru (ftuħ tal-wirja) u l-14 ta' Novembru (inawgurazzjoni tal-pjazza). Hu kompla li għall-pontifikal tal-Ħadd 8 ta' Novembru rridu

nikkonfermaw l-attendenza tagħna. L-inviti għall-attivita tad-9 ta' Novembru ser nipprintjawhom għand Portelli Print.

Is-Sindku nnota li l-attivita tal-Halloween ser issir nhar is-Sibt 31 ta' Ottubru 2015. Ix-xogħol tas-sound – ser isir minn Prostage; id-dawl minn Sourcelite u l-Festuni minn D-Illumination, It-tined ser jingħataw b'xejn mill-Heineken. Il-Haunted House ser tiswina 80 Ewro bħas-sena l-oħra. Is-Sindku nnota li kien hemm il-bzonn li nikru garaxx għal ħmistax-il gurnata minghand Josef Said minħabba din l-attivita, wara li fittixna garaxx minghand sitt persuni oħra. Il-grupp Upper Lip ser ikun mistieden biex jagħmel gig fil-Pjazza San Pietru u San Pawl. Ser nagħlqu Triq Diċembru 13 u ser narmawha bid-dawl tal-Halloween. L-attivitajiet tat-tfal jinkludu pumpkin carving u face painting u trick or treat.

## 7. Għoti ta' Ġieħ in-Nadur

Is-Sindku nnota li kien hemm nomina waħda għal dan il-Ġieħ li giet irtirata. Għalhekk hu qed jinnomina lil Dun Ġużepp Grech. Il-Viċi Sindku nnota li dan is-saċerdot għamel ħafna xogħol volontarju mal-Knisja, kien Maestro di Cappella, mal-Mużew u għadu jaghtu s-sehem tiegħu sal-lum. Il-Kunsill qabel ma' din in-nomina. Ser ninfurmaw lil din il-persuna u Mark Azzopardi ser jipprepara CV fuqu .

## 8. Proġett tal-Pjazza ta' San Pietru u San Pawl

Is-Sindku nnota li sar ir-*railing* tas-shelter u l-kanuni ser jinzebħu skuri għax dawn huma magħmulin mil-ħadid (metall). Il-*bollards* ser ikunu *dark green*. Il-Perit beda bil-process ghat-20 km/hour biex ma jkollniex *speed humps* u zebra crossing. Is-salib u x-xelter ser ikunu mkaħħlin bi *plastic repair*. It-tarmac ser jingħata sal-5 ta' Novembru, ftit qabel l-inawgurazzjoni; l-istess il-ħasil tal-pjazza bl-aċtu. Is-Sindku nnota li hu kkuntattja lil dawk kollha li waqgħu fil-pjazza u milli jidher dawn waqgħu mal-għatba tat-tarmac. Is-Sindku nnota li ser jeħlu l-bankijiet fil-pjazza għall-pubbliku (sakemm jigu l-ġodda) flimkien ma' *pots* li ser iġib minghand l-ELC. Hu kompla li ġabar stimi ta' pots li jiswew madwar 3,000 Ewro u għalhekk mhux ser jinxtraw għalissa. Is-Sindku kompla li eventwalment trid issir *bus shelter* li tixraq ghal din il-pjazza. Rita Mifsud innotat li Doreen Tabone qed tissuggerixxi li jsiru reflectors mal-fanal qrib id-dar tagħha li ma jitfgħux dawl fit-tieqa tagħha; is-Sindku nnota li diġa cċekkja dwar dan u qed infittxu xi reflectors.

## 9. Ħatra ta' Bord għall-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

L-agent segretarju ezekuttiv innota li kelina applikazzjoni waħda, dik ta' Sue-Ellen Bugeja li hi eligibbli. Il-Kunsill qabel li l-Bord tal-Ghazla ikun maghmul mill-kunsilliera kollha u l-interview issir nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru fis-6 pm. L-agent segretarju ezekuttiv ikun is-segretarju tal-Bord. Membri oħrajn nominati mill-kunsilliera jridu jkunu approvati mill-Bord.

## 10. Affarijiet Ohra

a) Dwar iċ-Ċentru tal-Anzjani, is-Sindku nnota li Gemma Zammit mhix ser tibqa fil-kariga ta' ko-ordinatur ghal ragunijiet personali. Ghalhekk il-Kunsill qabel li tinhareg sejha ghall-applikazzjonijiet li taghlaq fit-30 ta' Ottubru. Fl-avviż ser jintalab C.V. jew profil u jigi spjegat x'jinvolvi dan ix-xoghol.

b) Is-Sindku nnota li kkollaborajna permezz ta' attivita f'Xandrikufest- ammont 200 Ewro.

c) Is-Sindku nnota li hemm bzonn jinxtara laptop ghax ma jistax jibqa jinqeda b'wiehed personali. Il-Kunsill qabel li dan jinxtara.

d) Is-Sindku innota li kellu proposta minn Guzepp Curmi li tah sunett minn George Pisani dwar San Blas. Ghalhekk kien hemm qbil li ssir lapida tal-plastikk gol-gnien ta' San Blas.

e) Is-Sindku semma l-problema tal-ilma fil-hajt tar-reception tal-ufficcju amministrattiv Kunsill. Ghalhekk ser inqabbdu kahhal biex jirrangaha wara l-festi ta Jum il-Kunsill.

f) Is-Sindku semma' l-presepju haj ta' Triq it-Tigrija. Hu ppropona u l-Kunsill qabel li nipprovdu materjal u ftit dawl li jindika l-post ta' din l-attrazzjoni unika.

g) Il-Kunsill qabel li f'soft area fi Triq it-Tramuntana jitpogga brazz miż-żejda li kien hemm fil-pjazza. Ghalhekk ser inqabbdu electrician.

h) Is-Sindku semma li hemm bzonn li nohorgu l-kwotazzjoni tat-tizjin tat-toroq ghal zmien il-Milied. Din ghandha tkun okkazjoni biex tinghata spinta gdida lill-pjazza. Ghalhekk ser nitolbu disinn originali ghall-pjazza, Triq Dicembru 13 u l-pjazzetta, u parti minn Triq il-knisja.

i) Is-Sindku ssuggerixxa li naghtu residenza onorarja lis-Sindki ta' Baveno u ta' Cicciano. Ser naghtu wkoll l-istess residenza lil Nicola de Luca, li kien strumentali hafna biex il-gemellagg ma' Cicciano jirnexxi. Il-Kunsill qabel. Ser naraw x'konna naghtuhom qabel u nordnawhom. Jekk dawn ikunu fostna, ser nabbinawha mal-attivitajiet ta Jum il-Kunsill.

j) Charter: Il-Vici Sindku innota li ltaqa l kumitat ghall-ewwel darba. Frankie Meilak ser isiefer ghal sitt xhur u ghalhekk kien hemm qbil li ninnominaw lil Danica Cassar minfloku. Il-kunsilliera ser jibdew ikunu avzati b'dawn il-laqghat. Il-korrispondenza ser titpogga fil-file tac-Charter u nghadduh lis-segretarja Rita Mifsud Attard.

k) Il-Kunsill qabel li naghtu 50 Ewro lil Paul Mercieca tad-disinjar ta' posters ta' diversi attivitajiet li kellna u ser ikollna.

l) Karnival 2016: Is-Sindku nnota li ltqajna ma' Charlie Hili tal-Kultura. Hu ppropona li l-

Kunsill jixtri jew jikkummissjona set-up tal-hadid. Is-Sindku ppropona li nitkellmu ma' haddied biex eventwalment nohorgu offerta pubblika; il-Kunsill qabel. Is-Sindku semma l-banner li irridu naħsbu għaliha. Gie deciz li nikkummissjonaw lil James Azzopardi biex jagħmilna ta' din is-sena.

m) Is-Sindku nnota li ser nohorgu pagament ta' 5,000 Ewro fuq PPP lil Gatt Tarmac.

n) Is-Sindku nnota dawn it-talbiet:

- Bankini: titranġa parti minn bankina fi Triq it-Tigrija, titranġa bankina perikoluża fi Triq il-Madonna ta' Lourdes, tinbidel kurduna ta' bankina fi Triq San Ġużepp, u tinbidel bankina fi Triq l-Emigranti.
- Rampi: Isiru rampi ta bankini bil-madum fi Triq San Blas u Triq l-Isqof Buttigieg, u titbaxxa rampa fi Triq l-Arcipriet Saver Cassar.
- Ħadid: issir hadida fil-kantuniera mal-knisja ħdejn Fat Rabbit għax qed tintlaqat il-knisja minn vetturi kbar.
- Bozoz: talbiet biex isiru bozoz ġodda fi Triq Wied Binġemma, Triq Cicciano, Daħlet Xaghra ta Barbra, Triq Frangisk Attard, u Triq Girgor Buttigieg. Dwar it-tnejn tal-aħhar is-Sindku ghadu jrid jiċċekja l-bżonn taghhom.
- Patching: hemm bżonn urgenti ta patching fi Triq San Ġużepp, Triq Żrajk, Triq Wied ir-Riħan u Triq il-Buskett.
- Problemi ta ilma: Hemm bżonn nindirizzaw il-qlib tal-ilma fi Triq il-Madonna ta Lourdes, Triq Xandriku u Triq Grunju.
- Double Yellow Line: faċċata tar-residenza Meltrisan fi Triq Madre Ġemma Camilleri.
- Sement: f'ħofra int u nieżel il-bajja ta San Blas u passaġġ fi Triq Wied Bingemma.

o) Is-Sindku semma Triq l-Emigranti. Is-Sindku nnota li din hi responsabbilta tal-Gvern centrali peress li qatt ma inghatat wiċċ u għalhekk ser jirreferiha lill-Ministru għal Għawdex.

## 12. Data għall-Laqgħa Oħra

Il-laqgha li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru, 2015, fis-6 pm.

Kunsill Lokali: Nadur

Skeda Numru 8

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Ħlasijiet

Data: 09/09/15 - 12/10/15

| Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 05/10/15 | | 14186 |
| Gatt Tarmac Ltd | €5,000.00 | €5,000.00 | T | Part payment | | 1557 1542 1556 | 14187 |
| Mary Ann Cauchi | €547.00 | €547.00 | T | Rent of garage | 11/10/15 | 41763 | 14188 |
| Tac-Callu Water Supplies | €185.25 | €185.25 | T | Gnien il-Kunsill - September | 07/10/15 | 522 | 14189 |
| St.Peter & St.Paul's Parish office | €175.00 | €175.00 | D | Use of Parish Hall - May & June | 07/10/15 | | 14190 |
| Ronnie Mizzi | €28.50 | €28.50 | D | Repair of machinery | 11/09/15 | 2427 | 14191 |
| Salvu Mejlak | €185.25 | €185.25 | T | Public Convenience North Street - September | 05/10/15 | 8661065 | 14192 |
| Edward Scerri | €53.10 | €53.10 | D | Preparation of 3 site plans for electricity meter | 10/10/15 | NPX4 | 14193 |
| Chris Paul Cardona | €169.50 | €169.50 | T | Sweeping of San Blas Area - September | 13/10/15 | 38 | 14194 |
| Joseph Magro | €241.02 | €241.02 | T | Bulky refuse September | 09/30/15 | 14052 | 14195 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 15/10/15 | | 14196 |
| VOID | VOID | VOID | | VOID | 15/10/15 | | 14197 |
| Joseph Paul Rapa | €2,657.40 | €2,657.40 | T | Pavements | 06/09/15 | 3340068 | 14198 |
| Peter Ray Saad | €48.26 | €48.26 | D | Food | 30/09/15 | | 14199 |
| Perit Sec. MEDE | €873.82 | €873.82 | D | Lifelong Learning | 06/10/15 | | 14200 |
| Mario Cardona | €118.75 | €118.75 | T | Public Convenience Dahlet Qorrot September | 08/10/15 | 54 | 14201 |
| R.A.& Sons Ltd. | €20.15 | €20.15 | D | Kurdun | 17/08/15 | 18122 | 14202 |
| Sonnechic | €3,500.00 | €3,500.00 | K | Dehe ta' wine Festival | 01/09/15 | 400 | 14203 |
| Ozone Ltd | €118.80 | €118.80 | D | Telephone Bill | 30/09/15 | 114244 | 14204 |
| Saviour Xiberras | €105.00 | €105.00 | D | Fuel Allowance | 20/09/15 | | 14205 |
| Total | €14,026.80 | €14,026.80 | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** 11/08/15 - 08/09/15

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | EJP | €3,391.50 | €3,391.50 | T | Refuse collection September | 30 09 15 | 20016 | 14206 |
| 22 | Xerri's Garden Centre | €135.00 | €135.00 | D | Plants | 05 10 15 | 2415 | 14207 |
| 23 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd | €96.62 | €96.62 | T | Manager Fee | 01 10 15 | 3558 | 14208 |
| 24 | John Ivan Xuereb | €919.04 | €919.04 | T | General Hand September | 30 09 15 | | 14209 |
| 25 | Matthew Xuereb | €197.52 | €197.52 | D | September | 30 0915 | | 14210 |
| 26 | Inserv | €40.69 | €40.69 | D | Garbage Bags | 01 10 15 | 28-May | 14211 |
| 27 | Smart Office Supplies | €33.34 | €33.34 | D | Stationery | 18 09 15 | 27777 | 14212 |
| 28 | Gemma Zammit | €105.00 | €105.00 | D | Day Centre Co-Ordinator September | 30 09 15 | | 14213 |
| 29 | Mary Attard | €78.84 | €78.84 | D | Librarian September | 30 09 15 | | 14214 |
| 30 | M'Rose Grima | €90.00 | €90.00 | D | Day Centre Helper September | 30 09 15 | | 14215 |
| 31 | Rita Sultana | €90.00 | €90.00 | D | Day Centre Helper September | 30 09 15 | | 14216 |
| 32 | Anthony Magro | €132.94 | €132.94 | D | Handyman September | 30 09 15 | | 14217 |
| 33 | CIR | €924.88 | €924.88 | D | September | 30 09 15 | | 14218 |
| 34 | Joseph Azzopardi | €804.40 | €804.40 | D | September | 30 09 15 | | 14219 |
| 35 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 15 10 15 | | 14220 |
| 36 | Gozopress | €150.00 | €150.00 | D | Part payment on booklets | 30 06 15 | 3660 | 14221 |
| 37 | Peter Paul Said | €656.37 | €656.37 | T | Cement | 12 0915 | 4353 | 14222 |
| 38 | Peter Paul Said | €903.97 | €903.97 | D | Hire of machinery during Wine Festival | 12 09 15 | 4354 | 14223 |
| 39 | Peter Paul Said | €795.70 | €795.70 | T | Hire of machinery | 31 09 15 | 4348 | 14224 |
| 40 | Fabrix | €40.82 | €40.82 | D | Pongee | 28 08 15 | 632 | 14225 |
| | **Sub total** | **€9,586.63** | **€9,586.63** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€14,026.80** | **€14,026.80** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€23,613.43** | **€23,613.43** | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali: Nadur



## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Ferreri Tan-Nannu | €37.45 | €37.45 | D | Hardware goods | 30.06.15 | | 14226 |
| 42 | Portelli Print | €147.50 | €147.50 | D | Fliers - Refuse collection | 17.08.15 | 1030 | 14227 |
| 43 | Portelli Print | €128.56 | €128.56 | D | Wirja Agrarja Cards | 18.08.15 | 1028 | 14228 |
| 44 | Portelli Print | €43.66 | €43.66 | D | Printed envelopes | 18.08.15 | 1040 | 14229 |
| 45 | Portelli Print | €70.80 | €70.80 | D | Receipt Books | 20.08.15 | 1042 | 14230 |
| 46 | VOID | VOID | VOID | | VOID | 20.10.15 | | 14231 |
| 47 | Sammy Attard | €1,207.00 | €1,207.00 | T | Water bowzers | 08.096.15 | 135 | 14232 |
| 48 | Ellinsmann Coleiro | €175.00 | €175.00 | D | Musical services - Wine Festival | 25.09.15 | | 14233 |
| 49 | Pierre Vella | €55.00 | €55.00 | D | Road Sign | 18.09.15 | 15007 | 14234 |
| 50 | Smart Office Supplies Ltd | €17.64 | €17.64 | D | Stationery | 11.09.15 | 27448 | 14235 |
| 51 | Millers Distributors Ltd | €255.81 | €255.81 | D | Books | 17.08.15 | SIN-BKS00271292 | 14236 |
| 52 | Socjeta Filarmonika Mnarja | €1,000.00 | €1,000.00 | D | Music Programme | 30.09.15 | | 14237 |
| 53 | Mario Mallia | €75.25 | €75.25 | D | Yellow Paint | 11.09.15 | 294 | 14238 |
| 54 | Dept. Of Local Government | €40.00 | €40.00 | D | Advert | 11.09.15 | | 14239 |
| 55 | John Cassar | €550.00 | €550.00 | D | Music performance at Wine Festival | 11.09.15 | | 14240 |
| 56 | Peter Paul Said | €979.40 | €979.40 | T | Hire of machinery - Tal-Plier | 06.10.15 | 4371 | 14241 |
| 57 | Peter Paul Said | €346.92 | €346.92 | T | Labour - Tal-Plier | 06.10.15 | 4373 | 14242 |
| 58 | Go Plc | €14.05 | €14.05 | D | Telephone Bill | 04.10.15 | 45278504 | 14243 |
| 59 | Go Plc | €62.29 | €62.29 | D | Telephone Bill | 04.10.15 | 45271829 | 14244 |
| 60 | Thomas Smith Insurance Agency | €85.00 | €85.00 | D | Insurance for fireworks | 17.10.15 | | 14245 |
| | **Sub total** | **€5,591.33** | **€5,591.33** | | | | | |
| | **balance b/f** | **€23,613.43** | **€23,613.43** | | | | | |
| | **balance c/f** | **€29,204.76** | **€29,204.76** | | | | | |

Sindku   Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier   Kunsillier

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti
**Data:**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Paul Mercieca | €59.00 | €59.00 | D | Design of various posters | 17.10.15 | 133 | 14246 |
| | D O I | €9.32 | €9.32 | D | Advert | 17.10.15 | | 14247 |
| | Nadfur Local Counciul | €77.38 | €77.38 | D | Petty Cash | 20.10.15 | | 14248 |
| | Josianne Cutajar | €300.00 | €300.00 | D | Flight reimbursement | 20.10.15 | | 14249 |
| | Michael Curmi | €300.00 | €300.00 | D | Flight reimbursement | 20.10.15 | | 14250 |
| | Danica Cassar | €300.00 | €300.00 | D | Flight reimbursement | 20.10.15 | | 14251 |
| | Rachel Ann Said | €300.00 | €300.00 | D | Flight reimbursement | 20.10.15 | | 14252 |
| | Sammy Attard | €1,716.00 | €1,716.00 | T | Water Bowzers | 08.09.15 | 134 | 14253 |
| | Commissioner of Police | €311.23 | €311.23 | D | Wine Festival | 31.08.15 | 40497 | 14254 |
| 79 | | | | | | | | |
| 80 | | | | | | | | |
| | Sub total | €3,372.93 | €3,372.93 | | | | | |
| | Sub Total b/f | €29,204.76 | €29,204.76 | | | | | |
| | Total | €32,577.69 | €32,577.69 | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv